MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1627/2000/1

**Avviz Nru  1627/00 DM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**M.D.E. Limited u Joe Borg Ghigo**

Il-Qorti,
Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas  tas-somma ta' seba' mija u  sitta u disghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm796.58) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilhom mis-socjeta attrici ghall-perjodu mis-16 ta' Frar 1998 sal-1 ta' Novembru 1999.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti  li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta M.D.E. Limited fejn eccipiet illi:-

1 Is-somma mitluba mis-socjeta attrici mhiex dovuta mis-socjeta konvenuta izda, se mai biss mill-konvenut l-iehor Joe Borg Ghigo;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi tat-8 ta' Frar 2002 permezz ta' liema cedew il-kawza fil-konfront biss tal-konvenut Joe Borg Ghigo.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kumpanija konvenuta qeghdha tikkontesta t-talba attrici billi tippretendi illi d-debitur ossia l-persuna illi kien ghamel uzu mill-'mobile telephone' u 'airtime' ghall-istess uzu kien biss il-konvenut Joe Borg Ghigo u l-kumpanija konvenuta ghalhekk tippretendi illi hija kienet totalment estranea ghall-akkordju li kien sar bejn Joe Borg Ghigo u l-atturi.

Biex jirrespingu din il-kontestazzjoni l-atturi pprezentaw kopja tal-'agreement' originali li kien sar fit-12 ta' Frar 1996 meta Joe Borg Ghigo ghan-nom tal-kumpanija M.D.E. Limited kien applika ghas-servizz li dwaru huwa mahrug il-kont odjern u kien sahansitra indika l-ufficju registrat tal-kumpanija konvenuta u anke il-VAT number.

Jirrizulta inoltre illi l-kumpanija attrici dejjem baghtet il-kontijiet relattivi ghal dan is-servizz direttament lill-kumpanija konvenuta M.D.E. Limited fl-indirizz tal-ufficju ta' din is-socjeta u ghalkemm irceviet diversi pagamenti akkont permezz ta' cekkijiet qatt ma rceviet xi ilment mill-konvenuti illi ma kellhomx ikunu tenuti illi jaghmlu tajjeb ghal uzu tal-istess servizz.

Inoltre il-kumpanija attrici ppruvat illi Joe Borg Ghigo, li kien iffirma il-kuntratt maghhom, kien effettivament, fi zmien li ffirma l-istess kuntratt, direttur tal-kumpanija konvenuta u ghalhekk bil-kapacita' li jirrapprezenta l-kumpanija konvenuta.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova da parti tal-kumpanija konvenuta li ma kienet qatt awtorizat lid-direttur taghha Joe Borg Ghigo biex jirraprezentaha fil-kuntratt mal-kumpanija attrici u billi jirrizulta li l-kumpanija konvenuta ghalkemm informata bl-'istatements' regolari dwar il-ftehim mal-atturi qatt ma pprotestat mal-istess atturi, din il-kumpanija konvenuta ghandha tigi retenuta sewwa rrapprezentata minn Joe Borg Ghigo meta ffirma l-ftehim esibit a fol 16 (tal-process ) u ghalhekk ghandha tigi retenuta responsabbli biex taghmel tajjeb ghal dak kollu li hu dovut minhabba l-uzu ta' 'mobile telephone' u 'airtime' a bazi tal-istess ftehim.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm796.58 (seba' mija u sitta u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Novembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48